MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 12 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 1604/2001/1

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Marco Cachia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm271.28) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici skond client contract number 05865 in rigward ghal servizzji rezi lilu mis-socjeta' attrici fix-xhur bejn Marzu u Lulju 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 2001, u dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u wiehed u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm271.28) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Awissu 2001 u dak tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**